*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,222, 26 ta' Marzu, 2002*
*Taqsima C*

# Nru. 149

26. 3. 2002

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Ċensu Galea, M.P., Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, u moqri għall-Ewwel Darba fis-Seduta tat-18 ta' Marzu, 2002.

**ATT biex jemenda l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ċertifikati ta' Operaturi ta' l-Ajru), Kap. 218.**

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Ċensu Galea, M.P., Minister for Transport and Communications, and read the First time at the Sitting of the 18th March, 2002.

**AN ACT to amend the Civil Aviation (Air Operators' Certificates) Act, Cap. 218.**

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ċertifikati ta' Operaturi ta' l-Ajru), Kap. 218.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att ta' l-2002 li jemenda l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ċertifikati ta' Operaturi ta' l-Ajru). Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Att għandu jiftiehem u jinqara ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ċertifikati ta' Operaturi ta' l-Ajru), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali", u għandu jibda' jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-avjazzjoni ċivili jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

**2.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, il-kliem ", u li jkollu l-piż totali massimu awtorizzat ta' aktar minn 2268 kilogrammi," għandhom jitħassru. Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi numerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu;

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, kif numerat mill-ġdid, minnufih wara l-kliem "għall-iskop hekk speċifikati." għandhom jiżdiedu l-kliem "Meta d-Direttur ikun qed jivvaluta l-kompetenza ta' persuna biex topera inġenji ta' l-ajru, huwa għandu jqis xi tkun il-kapaċità ta' dik il-persuna biex tilħaq kull

ħtieġa ta' sigurezza li tkun applikabbli skond il-liġi biex topera inġenji ta' l-ajru."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, kif numerat mill-ġdid u emendat, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-applikant għal ċertifikat ta' operatur ta' l-ajru għandu jipprovdi aċċess sħiħ għal kull dokumentazzjoni, *records*, tagħmir, inġenji ta' l-ajru u faċilitajiet oħra li d-Direttur jkun irid jispezzjona u jeżamina.".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

**4.** L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "minn imħallef, bħala *Chairman*", għandhom jidħlu l-kliem "minn avukat bi tnax-il sena esperjenza, bħala *Chairman*"; u

(b) fis-subartikolu (7) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 10" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 11".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet ta' dan l-Abbozz huma sabiex jiġu aġġornati l-ħtiġiet għal Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Civil Aviation (Air Operators Certificates) Act, Cap. 218.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** (1) The short title of this Act is the Civil Aviation (Air Operators' Certificates) (Amendment) Act, 2002. Title and commencement.

(2) This Act shall be read and construed as one with the Civil Aviation (Air Operators' Certificates) Act hereinafter referred to as the "principal Act", and shall come into force on such date as the Minister responsible for civil aviation may by notice in the Gazette appoint. Cap. 218.

**2.** In subsection (1) of section 3 of the principal Act, the words ", and having a maximum total weight authorized of more than 2268 kilograms," shall be deleted. Amendment of section 3 of the principal Act.

**3.** Section 4 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of section 4 of the principal Act.

(a) the present provision shall be renumbered as subsection (1) thereof;

(b) in subsection (1) thereof, as renumbered, immediately after the words "the purpose so specified.", there shall be added the words "In assessing a person's competency to operate aircraft, the Director will take into account that person's capability of meeting the relevant safety requirements

applicable, according to law, to his operation of aircraft."; and

(c) immediately after subsection (1) as renumbered as amended, there shall be added the following new subsection:

"(2) For the purposes of this section, the person applying for an air operator's certificate shall provide full access to any documentation, records, equipment, aircraft and facilities which the Director may wish to inspect or examine.".

Amendment of section 9 of the principal Act.

**4.** Section 9 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) in subsection (1) thereof, for the words "of a judge, as chairman", there shall be substituted the words "of a lawyer with twelve years' experience, as Chairman"; and

(b) in subsection (7) thereof, for the words "section 10", there shall be substituted the words "section 11".

---

**Objects and reasons**

The objects of the Bill are to update the requirements for an Air Operator's Certificate (AOC).

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – 3, Pjazza Kastilja – *Published by the Department of Information – 3, Castille Place*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern – *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 8c – *Price 8c*